MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2015

Rikors Numru. 484/2015

**HSBC Bank Malta plc**

**vs**

**Prokuratur Legali Rowena Grima**

**bhala mandatarja tal-imsiefer Milan Mastena**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-bank rikorrenti tal-20 ta' Mejju 2015 li jghid hekk:

Illi l-Bank rikorrenti huwa kreditur tal-intimata nomine fl-ammont ta' tlieta u disghin elf, tmien mija u wiehed u tmenin euro u tmienja u ghoxrin centezmu (eur 93,881.28) oltre imghaxijiet legali ulterjuri bir-rata ta' 8% fis-sena fuq is-somma kapitali mill-11 ta' Marzu 2015;

Illi dan il-kreditu jirrizulta minn self li gie avvanzat mill-Bank esponenti lill-intimata nomine bhala sid tal-bastiment SANDY TWO (numru ufficcjali 9462) gieli erronjament indikat bhala m.v. BLAVA stante illi kellu jsir ezercizzju ta' renaming li baqa' qatt ma sar, skont kuntratt ta' self datat l-1 ta' Dicembru 2006, u liema kreditu gie kawtelat b'ipoteka navali (mortgage) li gie iskritt fir-registru tal-imsemmi bastiment fl-1 ta' Dicembru 2006;

Illi l-intimata nomine naqset li thallas il-pagamenti kollha dovuti kif obbligata taghmel u ma osservatx il-kondizzjonijiet u l-pattijiet kollha assunti taht il-fuq imsemmi kuntratt ta' self u ghalhekk kien jezisti "default" taht l-istess kuntratt ta' self;

Illi b'ittra ossia Notice of Default and Demand For Repayment tad-disgha u ghoxrin ta' Awwissu elfejn u erbatax is-sid tal-bastiment m.v. Sandy Two gie notifikat b'"Notice of Default" fis-sens illi kien hemm "default" taht il-fuq irnsemmi kuntratt ta' self billi kien inadempjenti u l-istess sid nghata sa mhux aktar tard minn jumejn mid-data tal-imsemmija ittra sabiex ihallas l-ammont dovut;

Illi b'ittra ufficcjali li giet prezentata fit-13 ta' Marzu 2015 notifikata fid-29 ta' April 2015, il-Bank esponent interpella lill-intimata nomine sabiex ihallas l-ammont dovut hawn fuq imsemmi ta' tlieta u disghin elf, tmien mija u wiehed u tmenin euro u tmienja u ghoxrin centezmu (eur 93,881.28) izda sallum ma sar l-ebda pagament;

Illi skond il-ligi u permezz tal-ittra ufficcjali hawn fuq indikata, il-mortgage li gie iskritt fir-registru tal-bastiment intimat in kawtela tal-kreditu tal-Bank esponent gie rez titolu ezekuttiv a tenur tal-artikolu 42(2) tal-Kap. 234;

Illi billi dan l-ammont baqa' dovut il-Bank esponent ipproceda billi kkawtela l-kreditu tieghu bil-hrug ta' Mandat Ezekuttiv ta' Arrest ta' Bcejjec tal-Bahar numru 778/15 li bih gie arrestat l-bastiment "Sandy Two" u li kopja tieghu qed jigi hawn anness u mmarkata Dok. I;

Illi fic-cirkostanzi il-Bank esponent ghandu interess li jenforza t-titolu ezekuttiv li ottjena billi jipprocedi ghall-bejgh tal-bastiment intimat, liema bejgh jkun approvat minn dina l-Onorabbli Qorti ai termini tal-artikoli 358 et seq. tal-Kap. 12 (Taqsima 1, Titolu VII sub titolu V - "Fuq il-Bejgh approvat mill-Qorti ghall-vapuri, bastimenti u ingenji tal-ajru");

Illi skont l-artikolu 358 tal-Kap. 12, dina l-Qorti ghandha s-setgha, fuq talba ta' kreditur li ghandu titolu ezekuttiv, tapprova l-bejgh privat ta' bastiment favur xerrej identifikat u versu l-hlas ta' prezz determinat;

Illi a tenur tal-artikoli 359, il-Bank esponent qed jannetti ma' dan ir-rikors zewg stimi kif rikjest mill-ligi, wahda maghmula minn Oceanus Marine Ltd li taghti stima ta' bejn hamsa u tmenin elf euro (eur 85,000.00) (kopja annessa u mmarkata Dok. II) u l-ohra maghmula mis-surveyor Anthony Dalli li wkoll jaghti valur ta' hamsa u tmenin elf euro (eur 85,000.00) (kopja annessa u mmarkata Dok. III);

Illi l-Bank esponent ghandu offerta ghall-akkwist tal-imsemmi bastiment minghand John Manche (K.1. 12271M) versu l-prezz ta' mija u hamest elef euro (eur 105,000.00), kif jirrizulta minn ftehim anness datat is-6 ta' Mejju 2015 li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok. IV;

Illi l-offerta inkwistjoni teccedi l-parametri tal-istimi prodotti;

Illi l-Bank esponent ma jaf bl-ebda kredituri ohra interessati fl-imsemmi bastiment tant li minn ricerka fir-registru ma jirrizultawx li sallum saru xi mandati ohra jew proceduri fil-konfront tal-bastiment intimat;

Ghalhekk il-Bank esponent jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

i. Tapprova l-bejgh privat tal-bastiment "SANDY TWO" gieli erronjament indikat b'isem m.v. BLAVA bin-numru ufficcjali 9462, a favur tal-imsemmi John Manche u dan versu l-prezz ta' €105,000.00 (mija u hamest elef euro) u taht il-pattjiet u kundizzjonijiet tal-anness ftehim u/jew taht kwalunkwe patt u kundizzjoni ohra li jidhrilha xieraq dina l-Onorabbli Qorti u dan a tenur tal-artikolu 358 tal-Kap. 12;

ii. Tahtar persuna li jkun awtorizzat jitrasferixxi l-bastiment intimat skond l-imsemmija pattijiet u kundizzjonijiet tal-ftehim anness u/jew taht kull patt u kondizzjoni opportun li jidhrilha xieraq dina l-Qorti, bhallikieku kien is-sid registrat tieghu bl-effetti kollha stipulati fil-ligi inkluz l-artikolu 364 tal-Kap. 12;

iii. Taghti kull provvediment iehor opportun skond ic-cirkostanzi tal-kaz.

Rat li difensur tal-intmata nomine aderixxa ghat-talbiet attrici kif maghmula b'verbal quddiem il-Qorti tat-28 ta' Mejju 2015, u li fl-istess seduta difensuri tal-partijiet talbu li l-persuna nomina ghat-trasferiment tal-vapur ikun Dr. Christian Grima;

Rat l-atti u semghet lil partijiet u d-difensuri taghhom;

Rat li l-vertenza thalliet ghal-provvediment finali.

**Ikkunsidrat**

Illi dan hu rikors maghmul taht l-artikolu 358 tal-Kapitolu 12 li jaghti jedd lil Qorti li wara rikors tal-kreditur li ghandu titolu ezekuttiv tapprova l-bejgh privat ta' vapur favur xerrej identifikat bi hlas ta' prezz determinat.

L-elementi necessarji biex ir-rikorrenti jutilizza dan il-provvediment tal-ligi huma:

1. Titolu ezekuttiv favur il-kreditur cioe l-bejjigh kontra d-debitur;

2. Abbozz ta' ftehim ta' bejgh ma' kumpratur identifikat bi prezz pattwit;

3. Zewg valutazzjonijiet indipendenti maghmula mill-bejjiegh dwar il-valur tal-vapur;

4. Prova mill-bejjiegh illi l-bejgh hu fl-interess tal-kredituri maghrufa u l-prezz hu ragonevoli fic-cirkostanzi.

L-ewwel element li jrid jigi sodisfatt ghalhekk hu l-kreditu u li fuq dan il-kreditu l-kreditur jgawdi titolu ezekuttiv.

Il-bank rikorrent ghandu kreditu naxxenti minn kuntratt ta' self datat 1 ta' Dicembru 2006, kawtelat b'ipoteka navali (mortgage) fir-registru tal-bastiment intimat.

Id-debitur ma hallas il-pagament kollha dovuti u ghalhekk kien responsabbli ghal default skond l-imsemmi kuntratt ta' self.

B'ittra ufficjali tat-13 ta' Marzu 2015 notifikata lil intimata nomine fid-29 ta' April 2015 il-bank rikorrent interpella lil intimata nomine biex thallas l-ammont dovut cioe tlieta u disghin elf, tmien mija u wiehed u tmenin euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€93,881.28) izda baqa' inadempjenti. Din l-ittra ufficjali saret ukoll a tenur tal-artikolu 42(4) tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta fejn il-kreditur biex isegwi l-procedura odjerna skond l-artikolu 358 tal-Kap. 12 irid jispecifika s-somma dovuta permezz ta' ittra ufficjali notifikata lid-debitur ipotekarju sabiex jigi determinat l-ammont cert, likwidu u dovut in konnessjoni ma' esekuzzjoni ta' ipoteka navali.

Peress illi ipoteka navali hi titolu ezekuttiv ai termini tal-artikolu 42(2) tal-Kap. 234, jidher ippruvat mid-dokumenti w intimazzjonijiet li saru illi l-bank rikorrent ghandu kreditu li fuqu jgawdi titolu ezekuttiv.

Il-bank rikorrent qed jitlob li jigi awtorizzat ibiegh il-vapur "SANDY TWO" gieli erronjament indikat b'isem m.v. BLAVA bin-numru ufficjali 9462 proprjeta tad-debituri b'mod privat cioe mhux b'subbasta tal-Qorti. Ghal dan il-ghan hu esebixxa fl-atti zewg stimi indipenenti tal-valur tal-vapur cioe wahda tas-socjeta Oceanus Marine Ltd u l-ohra tas- surveyor Anthony Dalli u dan kif jitlob l-artikolu 359 tal-Kapitolu 12. Iz-zewg stimi huma ta' hamsa u tmenin elf euro (€85,000.00).

Il-bank rikorrent qed jitlob li jsir il-bejgh tal-vapur lil John Manche u dan versu l-prezz ta' mija u hamest elef euro (€105,000.00) skond il-ftehim anness datat 6 ta' Mejju 2015. Din l-offerta tissupera l-istimi indipendenti. Il-Qorti tqis li l-offerta hi vantagguza fic-cirkostanzi prezenti tal-qaghda finanzjarja dinjija.

Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti tqis li ma hemmx raguni fondata ghaliex ma ghandhiex tintlaqa' t-talba ghal bejgh privat essendo l-elementi ghal tali talba gew pruvati ai fini li jrid l-artikolu 358 tal-Kap. 12.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet tal-bank rikorrent u tordna l-bejgh privat tal-bastiment "SANDY TWO" gieli erronjament indikat b'isem m.v. BLAVA bin-numru ufficjali 9462 lil John Manche bil-prezz ta' mija u hamest elef euro (€105,000.00) liema bejgh ghandu jaghti lix-xerrej titolu mhux aggravat minn kull privilegg jew piz ai termini tal-artikolu 364 tal-Kap. 12.

Ghal fini tat-tieni talba tahtar lil avukat Dr. Christian Grima sabiex ai termini tal-artikolu 362 tal-Kap. 12 ikun intitolat jitrasferixxi l-vapur bhallikieku kien is-sid registrat tieghu bl-effetti kollha stipulati senjatament dawk tal-artikoli 363 u 364 tal-Kap. 12.

Spejjez tal-proceduri jithallsu mill-intimat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------